

## DEĊIJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2016/359

**tal-10 ta' Marzu 2016**

**li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/145/PESK (¹) dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.
- (2) Fl-14 ta' Settembru 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1524 (²) biex b'hekk ġedded il-miżuri għal sitt xhur oħra.
- (3) Fid-dawl tal-imminar jew it-theddi kontinwu tal-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, id-Deċiżjoni 2014/145/PESK għandha tiġi estiża għal sitt xhur oħra.
- (4) Il-Kunsill irriveda d-deżinjazzjonijiet individwali. L-Anness jeħtieġ li jiġi emendat u l-entrati għal tliet persuni li huma mejta jeħtieġ li jitħassru.
- (5) Id-Deċiżjoni 2014/145/PESK għandha għalhekk tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2014/145/PESK hija emendata kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 6, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:  
"Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-15 ta' Settembru 2016.";
- (2) l-Anness huwa emendat kif jinsab fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

### Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-publikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Marzu 2016.

*Għall-Kunsill  
Il-President  
K.H.D.M. DIJKHOFF*

(¹) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16).

(²) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1524 tal-14 ta' Settembru 2015 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 239, 15.9.2015, p. 157).

## ANNESS

I. Il-persuni li ġejjin huma mħassra mil-lista li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK:

## PERSUNI

7.	Yuriy Gennadyevich ZHEREBTSOV
41.	Igor Dmitrievich SERGUN
133.	Pavel DREMOV

II. L-entrati għall-persuni u l-entitajiet li ġejjin li jinsabu fl-Anness tad-Deċiżjoni 2014/145/PESK huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

## LISTA TA' PERSUNI

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1.	Sergey Valeryevich AKSYONOV, Sergei Valerievich AKSENOV (Сергей Валерьевич АКСЕНОВ), Serhiy Valeriyovich AKSYONOV (Сергій Валерійович Аксёнов)	Data tat-Twelid: 26.11.1972. Post tat-Twelid: Beltsy (Бель), issa r-Repubblika tal-Moldova	Aksyonov ġie elett "Prim Ministro tal-Krimea" fil-Verkhovna Rada tal-Krimea fis-27 ta' Frar 2014 fil-preżenza ta' persuni armati favur ir-Russja. Il-“ħatra” tiegħu ġiet iddikjarata bħala li tmur kontra l-kostituzzjoni mill-äġġent President Oleksandr Turchynov fl-1 ta' Marzu 2014. Huwa għamel pressjoni b'mod attiv favur ir-“referendum” tas-16 ta' Marzu 2014 u kien wieħed mill-kofirmatarji tat-“Trattat dwar l-adeżjoni tal-Krimea mal-Federazzjoni Russa” tat-18 ta' Marzu 2014. Fid-9 ta' April 2014 huwa nħatar aġġent “Kap” tal-hekk imsejħa “Repubblika tal-Krimea” mill-President Putin. Fid-9 ta' Ottubru 2014, huwa ġie “elett” formalment bħala l-“Kap” tal-hekk imsejħa “Repubblika tal-Krimea”. Aksyonov imbagħad saħaq li l-karigi ta’ “Kap” u “Prim Ministro” jiġu kkombinati. Membru tal-Kunsill tal-Istat tar-Russja.	17.3.2014
2.	Vladimir Andreevich KONSTANTINOV (Владимир Андреевич Константинов)	Data tat-Twelid: 19.11.1956 Post tat-Twelid: Vladimirovka (magħruf ukoll bħala Vladimirovca), Reġjun ta' Slobozia, SSR tal-Moldova (issa r-Repubblika tal-Moldova) jew Bogomol, SSR tal-Moldova.	Bħala speaker tal-Kunsill Suprem tar-Repubblika Awtonoma tal-Krimea, Konstantinov kellu rwol rilevanti fid-deċiżjonijiet mēħuda mill-Verkhovna Rada rigward ir-“referendum” kontra l-integrità territorjali tal-Ukrajna u appella lill-votanti biex jivvutaw favur l-Indipendenza tal-Krimea. Kien wieħed mill-kofirmatarji tat-“trattat dwar l-adeżjoni tal-Krimea mal-Federazzjoni Russa” tat-18 ta' Marzu 2014. Mis-17 ta' Marzu 2014 l'hawn, “President” tal-“Kunsill tal-Istat” tal-hekk imsejħa “Repubblika tal-Krimea”.	17.3.2014

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
3.	Rustam Ilmirovich TEMIRGALIEV (Рустам Ильмирович Темиргалиев)	Data tat-Twelid: 15.8.1976  Post tat-Twelid: Ulan-Ude, Buryat ASSR (SFSR tar-Russja)	Bħala ex Viċi Ministru tal-Krimea, Temirgaliev qedha rwol rilevanti fid-deċiżjonijiet li tieħdu mill-Verkhovna Rada dwar ir-“referendum” kontra l-integrità territorjali tal-Ukrajna. Huwa għamel pressjoni b'mod attiv favur l-integrazzjoni tal-Krimea fil-Federazzjoni Russa.  Fil-11 ta' Ġunju 2014 huwa rriżenja mill-funzjoni tiegħu bħala “L-Ewwel Viċi Prim Ministru” tal-hekk imsejħa “Repubblika tal-Krimea”.	17.3.2014
5.	Aleksei Mikhailovich CHALIY (Алексей Михайлович Чалый)	Data tat-Twelid: 13.6.1961  Post tat-Twelid: Moska jew Sevastopol	Chaliy sar “Sindku tal-Poplu ta’ Sevastopol” b'nomina mill-poplu fit-23 ta’ Frar 2014 u aċċetta dan il-“vot”. Huwa mexxa kampanja b'mod attiv biex Sevastopol issir entità separata tal-Federazzjoni Russa b'segwitu għal referendum tas-16 ta’ Marzu 2014. Kien wieħed mill-kofirmatarji tat-“trattat dwar l-adeżjoni tal-Krimea mal-Federazzjoni Russa” tat-18 ta’ Marzu 2014. Huwa kien aġent “gvernatur” ta’ Sevastopol mill-1 sal-14 ta’ April 2014 u kien President “elett” tal-Assemblea Legislativa tal-Belt ta’ Sevastopol.	17.3.2014
6.	Pyotr Anatoliyovych Zima (Пётр Анатольевич Зима)	Data tat-Twelid: 29.3.1965	Zima nħatar bħala l-kap il-ġdid tas-Servizz tas-Sigurtà tal-Krimea (SBU) fit-3 ta’ Marzu 2014 mill-“Prim Ministru” Aksyonov u aċċetta din il-ħatra. Hu ta informazzjoni rilevanti inkluż bażi tad-data lis-Servizz tal-Intelligence Russu (SBU). Din kienet tinkludi informazzjoni dwar attivist iEwro-Majdan u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem tal-Krimea. Huwa kellu rwol rilevanti biex jiġi evitat li l-awtoritajiet tal-Ukrajna jkollhom kontroll tat-territorju tal-Krimea. Fil-11 ta’ Marzu 2014 il-formazzjoni ta’ Servizz ta’ Sigurtà indipendent tal-Krimea ġiet proklamata mill-ex uffiċjali tas-SBU tal-Krimea.	17.3.2014

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
8.	Sergey Pavlovych TSEKOV (Сергей Павлович Цеков)	Data tat-Twelid: 29.9.1953 jew 23.9.1953 jew 28.9.1953  Post tat-Twelid: Simferopol	Bħala Viċi Speaker tar-Rada Verkhovna tal-Krimea, Tsekov beda, flimkien ma' Sergey Aksyonov, it-tnej-hija illegali tal-gvern tar-Repubblika Awtonoma tal-Krimea (ARC). Huwa involva lil Vladimir Konstantinov f'dan it-tentativ, waqt li heddu bit-tkeċċja tiegħu. Huwa rrikonoxxa pubblikament li l-Membri Parlamentari mill-Krimea kien dawk li bdew jistiednu lis-suldati Russi biex jieħdu taħt il-kontroll tagħhom lill-Verkhovna Rada tal-Krimea. Huwa kien wieħed mill-ewwel Mexxeja tal-Krimea li talab fil-pubbliku li l-Krimea tiġi annessa mar-Russja.  Membru tal-Kunsill Federali tal-Federazzjoni Russa mill-hekk imsejħa "Repubblika tal-Krimea".	17.3.2014
9.	Ozerov, Viktor Alekseevich (Виктор Алексеевич Озеров)	Data tat-Twelid: 5.1.1958  Post tat-Twelid: Abakan, Khakassia	President tal-Kumitat għas-Sigurtà u d-Difiża tal-Kunsill Federali tal-Federazzjoni Russa.  Fl-1 ta' Marzu 2014 Ozerov, f'isem il-Kumitat għas-Sigurtà u d-Difiża tal-Kunsill Federali, appoġġa pubblikament, fil-Kunsill Federali, l-iskjerament tal-forzi Russi fl-Ukrajna.	17.3.2014
11.	Klishas, Andrei Aleksandrovich (Андрей Александрович Клишас)	Data tat-Twelid: 9.11.1972  Post tat-Twelid: Sverdlovsk	President tal-Kumitat dwar id-Dritt Kostituzzjonal tal-Kunsill Federali tal-Federazzjoni Russa.  Fl-1 ta' Marzu 2014 Klishas appoġġa pubblikament, fil-Kunsill Federali, l-iskjerament tal-forzi Russi fl-Ukrajna. F'dikjarazzjonijiet pubbliċi Klishas ipprova jiġġustifika intervent militari Russu fl-Ukrajna billi ddikjara li "l-President tal-Ukrajna jappoġġa l-appell tal-awtoritajiet tal-Krimea lill-President tal-Federazzjoni Russa dwar l-għoti ta' assistenza komprensiva għad-difiża taċ-ċittadini tal-Krimea".	17.3.2014
14.	TOTOONOV, Aleksandr Borisovich (Александр Борисович Тотоонов)	Data tat-Twelid: 3.4.1957  Post tat-Twelid: Ordzhonikidze, fit-Tramuntana ta' Ossetia	Membru tal-Kumitat tal-Affarijiet Internazzjonali tal-Kunsill Federali tal-Federazzjoni Russa.  Fl-1 ta' Marzu 2014, Totoonov appoġġa pubblikament, fil-Kunsill Federali, l-iskjerament tal-forzi Russi fl-Ukrajna.	17.3.2014

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
15.	PANTELEEV, Oleg Evgenievich (Олег Евгеньевич Пантелейев)	Data tat-Twelid: 21.7.1952  Post tat-Twelid: Zhitnikovskoe, reġjun ta' Kurgan	L-ex l-Ewwel Viċi President tal-Kumitat dwar Kwistjonijiet Parlamentari tal-Kunsill Federali.  Fl-1 ta' Marzu 2014, Panteleev appoġġa pubblikament, fil-Kunsill Federali, l-iskjerament tal-forzi Russi fl-Ukrajna.  Attwalment l-Ewwel Viċi Gvernatur ta' Kurgan Oblast u l-Kap tad-delegazzjoni tal-Gvern ta' Kurgan Oblast għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa.	17.3.2014
19.	VITKO, Aleksandr Viktorovich (Александр Викторович Витко)	Data tat-Twelid: 13.9.1961  Post tat-Twelid: Vitebsk (SSR tal-Belorussja)	Kmandant tal-Flotta tal-Baħar l-Is-wed, Ammirall.  Responsabbi mill-kmand tal-forzi Russi li okkupaw it-territorju sovran tal-Ukrajna.	17.3.2014
33.	Elena Borisovna MIZULINA (имвielda DMITRIYEVA) (Елена Борисовна Мизулина (имвielda Дмитриева))	Data tat-Twelid: 9.12.1954  Post tat-Twelid: Bui, reġjun ta' Kostroma	L-ex Deputat fid-Duma tal-Istat. Oriġinatur u kosponsor ta' proposti leġislattivi reċenti fir-Russja li kienu ser jippermettu li reġjuni ta' pajiżi oħra jissiebu mar-Russja mingħajr qbil minn qabel mill-awtoritajiet ċentrali tagħhom.  Minn Settembru 2015 'l-hawn, Membru tal-Kunsill Federali mir-reġjun Omsk.	21.3.2014
36.	Oleg Genrikhovich SAVELYEV (Олег Генрихович Савельев)	Data tat-Twelid: 27.10.1965  Post tat-Twelid: Leningrad	L-ex Ministru għall-Affarijiet Krimani. Responsabbi mill-integrazjoni tar-Repubblika Awtonoma annessa tal-Krimea fil-Federazzjoni Russa.  Attwalment Viċi Kap tal-Persunal tal-Gvern Russu, responsabbi mill-organizzazzjoni tal-ħidma tal-Kummissjoni Governattiva dwar l-iż-vilupp soċjoekonomiku tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Krimea".	29.4.2014
45.	Andriy Yevgenovich PURGIN (Андрій Євгенович Пургін), Andrei Evgenievich PURGIN (Андрей Евгеньевич Пургин)	Data tat-Twelid: 26.1.1972  Post tat-Twelid: Donetsk	Parteċipant attiv u organizzatur ta' azzjonijiet separatisti, koordinatur tal-azzjonijiet tat-“turisti Russi” f'Donetsk. Kofundatur ta' “Inizjattiva Ċivika ta' Donbass għall-Unjoni Ewro-Asjatika”. Sal-4 ta' Settembru 2015 kien “President” tal-“Kunsill tal-Poplu tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk”.	29.4.2014

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
46.	Denys Volodymyrovych PUSHYLIN (Денис Володимирович Пушлин), Denis Vladimirovich PUSHILIN (Денис Владимирович Пушлин)	Data tat-Twelid: 9.5.1981 jew 9.5.1982 Post tat-Twelid: Makiivka (oblast ta' Donetsk)	Wieħed mill-mexxejja tar-“Repubblika tal-Poplu ta’ Donetsk”. Ħa sehem fil-ħtif u l-okkupazzjoni tal-administrazzjoni regionali. Kelliem attiv għas-separatisti. Sal-4 ta’ Settembru 2015 kien l-hekk imsejjaħ Viċi President tal-“Kunsill tal-Poplu” tal-hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta’ Donetsk”. Sal-4 ta’ Settembru 2015 kien “President” tal-“Kunsill tal-Poplu tar-Repubblika tal-Poplu ta’ Donetsk”.	29.4.2014
47.	TSYPLAKOV Sergey Gennadevich (Цыплаков Сергей Геннадьевич)	Data tat-Twelid: 1.5.1983 Post tat-twelid: Khartsyzsk, Oblast ta' Donetsk	Wieħed mill-mexxejja tal-organizzazzjoni ideoloġikament radikali, il-Milizzja tal-Poplu ta’ Donbas. Ħa sehem attiv fil-ħtif ta’ għadd ta’ binjet tal-istat fir-reġjun ta’ Donetsk.	29.4.2014
48.	Igor Vsevolodovich GIRKIN (Игорь Всеволодович Гиркин) (magħruf ukoll bħala Igor STRELKOV Ihor STRIELKOV)	Data tat-Twelid: 17.12.1970 Post tat-Twelid: Moska	Identifikat bħala persunal tad-Diretorat Prinċipali tal-Intelligence tal-Persunal Ġeneralni tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa (GRU). Kien involut fincidenti fi Sloviansk. Kap tal-moviment pubbliku “Novorossia”. Il-“Ministru tad-Difiża” ta’ qabel tal-hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta’ Donetsk”.	29.4.2014
53.	Oleg Grigorievich KOZYURA (Олег Григорьевич Козюра)	Data tat-Twelid: 19.12.1962 Post tat-Twelid: Zaporozhye	Il-Kap ta’ qabel tal-ufficċċju tas-Servizz Federali tal-Migrazzjoni għal Sevastopol. Responsabbi għall-ħruġ sistematiku u rapidu ta’ passaporti Russi għar-residenti ta’ Sevastopol. Bħalissa assistent tad-Deputat tal-Kunsill Muniċipali ta’ Sevastopol, Mikhail Chaluy.	12.5.2014
54.	Viacheslav PONOMARIOV, Vyacheslav Volodymyrovich PONOMARYOV (Вячеслав Володимирович Пономарёв), Viacheslav Vladimirovich PONOMAREV (Вячеслав Владимирович Пономарёв)	Data tat-Twelid: 2.5.1965 Post tat-Twelid: Sloviansk (oblast ta' Donetsk)	“Sindku tal-Poplu” awtodikjarat ta’ qabel ta’ Slaviansk (sal-10 ta’ Ġunju 2014). Ponomariov appella lil Vladimir Putin biex jibgħat truppi Russi biex jiiproteġu l-belt u aktar tard talbu jiaprovd i-l-armi. In-nies ta’ Ponomariov huma involuti fil-ħtif ta’ persuni (huma qabdu lil Irma Krat u Simon Ostrovsky, ġurnalist għal Vice News, aktar tard dawn it-tnejn in-ħelsu; huma żammew maqbuda osservaturi militari li kien qed jaġixxu taħt id-Dokument ta’ Vjenna tal-OSKE). Għadu attiv fl-appoġġ ta’ aż-żjonijiet u politiki separatisti.	12.5.2014

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
57.	Oleg TSARIOV, Oleh Anatoliyovych TSAROV (Олег Анатолиевич Царьов), Oleg Anatolevich TSAREV (Олег Анатольевич Царёв)	Data tat-Twelid: 2.6.1970 Post tat-Twelid: Dnepropetrovsk	Qabel kien Membru tar-Rada, bħala tali appella pubblikament għall-ħolqien tal-hekk imsejħa "Repubblika Federali tan-Novorossiya", magħmula mir-reġjuni Ukreni tax-Xlokk. Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politika separatisti. Qabel kien "Speaker" tal-hekk imsejjaħ "Parlament tal-Unjoni tar-Repubbliki tal-Poplu" ("Parlament ta' Novorossiya").	12.5.2014
62.	Aleksandr Yurevich BORODAI (Александр Юрьевич Бородай)	Data tat-Twelid: 25.7.1972 Post tat-Twelid: Moska	Qabel kien l-hekk imsejjaħ "Prim Ministro tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk", bħala tali responsabbi għall-aktivitajiet "governattivi" separatisti tal-hekk imsejjaħ "gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" (eż-fit-8 ta' Lulju 2014 iddikjara li l-militar tagħna qed iwettaq operazzjoni speċjali kontra l-“faxxisti” Ukreni), firmatarju tal-Memorandum ta' Qbil dwar l-“unjoni ta’ Novorossiya”. Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politika sepatatista; imexxi l-“Unjoni ta’ voluntieri ta’ Donbas”.	12.7.2014
64.	Alexandr Aleksandrovich KALYUSSKY, (Александр Александрович Калиусский)	Data tat-Twelid: 9.10.1975	Qabel kien l-hekk imsejjaħ "Viċi Prim Ministro de facto għall-Affarijiet Soċjali tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Responsabbi għall-aktivitajiet "governattivi" separatisti tal-hekk imsejjaħ "gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk".	12.7.2014
65.	Alexander KHYRYAKOV, Aleksandr Vitalievich KHYRYAKOV (Александр Витальевич Хряков), Oleksandr Vitaliyovych KHYRYAKOV (Олександр Віталійович Хряков)	Data tat-Twelid: 6.11.1958 Post tat-Twelid: Donetsk	Qabel kien hekk imsejjaħ "Ministr tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni tal-Massa tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Membru tal-hekk imsejjaħ "Kunsill tal-Poplu" tar-“Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Responsabbi għall-aktivitajiet ta' propaganda favur is-separatisti tal-hekk imsejjaħ "gvern" tar-“Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk".	12.7.2014
71.	Nikolay KOZITSYN (Николай Козицын)	Data tat-Twelid: 20.6.1956 jew 6.10.1956 Post tat-Twelid: Djerzjinsk, reġjun ta' Donetsk	Kmandant tal-forzi Kosakki. Responsabbi għall-kmand tas-separatisti fil-Lvant tal-Ukrajna fil-ġlieda kontra l-forzi tal-gvern Ukren.	12.7.2014

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
81.	Alexander Nikolayevich TKACHYOV (Александр Николаевич Ткачёв)	Data tat-Twelid: 23.12.1960  Post tat-Twelid: Vyselki, reġjun ta' Krasnodar	L-ex Gvernatur tal-Krasnodar Krai. Ingħata l-medalja "għal-ħelsien tal-Krimea" mill-Āġent kap tar-Repubblika Awtonoma tal-Krimea għall-ap-poġġ li pprovda lill-annessjoni illegali tal-Krimea. F'dik l-okkażjoni, l-Āġent Kap tar-Repubblika Awtonoma tal-Krimea qal li Tkachyov kien minn tal-ewwel li esprimew l-appoġġ tagħ-hom għat-tmexxja" l-ġdida tal-Krimea.  Bħalissa l-Ministru tal-Agrikultura tal-Federazzjoni Russa (mit-22 ta' April 2015 'i hawn).	25.7.2014
83.	Ekaterina Iurievna GUBAREVA (Екатерина Юрьевна Губарева), Katerina Yuryovna GUBARIEVA (Катерина Юрійовна Губарєва)	Data tat-Twelid: 5.7.1983 jew 10.3.1983  Post tat-Twelid: Kakhovka (oblast ta' Kherson)	Fil-kapaċitā tagħha bħala l-hekk imsejjaħ "Ministru tal-Affarijet Barranin" ta' qabel hija kienet responsabbi għad-difīza tal-hekk imsejjħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk", u għal-daqstant dghajset l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, il-kont tal-bank tagħha jintuża biex jiffianżja gruppi separatisti illegali. Billi assumiet u aġixxiet f'din il-kapaċitā għalhekk hija appoġġat azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet u politiki separatisti.  Membru tal-"Kunsill tal-Poplu" tal-hekk ismejħa "Repubblika Popolari ta' Donetsk".	25.7.2014
98.	Miroslav Vladimirovich RUDENKO (Мироslav Vladimirovich Руденко)	Data tat-Twelid: 21.1.1983  Post tat-Twelid: Debalcevo	Assoċjat mal-"Milizzja tal-Poplu ta' Donbass". Fost affarijet oħra, huwa stqarr li ser ikomplu l-ġlied tagħhom fil-bqija tal-pajjiż. Rudenko b'hekk appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. L-hekk imsejjaħ "Deputat tal-Poplu" (membru) tal-hekk imsejjaħ "Kunsill tal-Poplu tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk".	12.9.2014
99.	Gennadiy Nikolaiovich TSYPKALOV, Gennadii Nikolaevich TSYPKALOV (Геннадий Николаевич Цыпкалов)	Data tat-Twelid: 21.6.1973  Post tat-Twelid: Oblast ta' Rostov (Russja)	Ħa post Marat Bashirov bħala l-hekk imsejjaħ "Prim Ministru" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Lugansk". Qabel kien attiv fil-milizzja tal-"Armata tax-Xlokk". Tsypkalov b'hekk appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	12.9.2014

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
100.	Andrey Yurevich PINCHUK (Андрей Юрьевич Пинчук)	Data possibbli tat-twelid: 27.12.1977	Il-“Ministru tas-Sigurtà Statali” ta’ qabel tal-hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta’ Donetsk”. Assoċjat ma’ Vladimir Antyufeyev, li huwa responsabili għall-attivitàajiet “governattivi” separatisti tal-hekk imsejjaħ “gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta’ Donetsk”. Huwa b’hekk appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Għadu attiv fl-appoġġ ta’ azzjonijiet jew politiki separatisti. “Direttur eżekuttiv” tal-“Unjoni ta’ voluntieri ta’ Donbas”.	12.9.2014
102.	Andrei Nikolaevich RODKIN (Андрей Николаевич Родкин)	Data tat-Twelid: 23.9.1976 Post tat-Twelid: Moska	Rappreżentant f'Moska tal-hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta’ Donetsk”. Fid-dikjarazzjonijiet tiegħu, tkellem fost l-oħrajn dwar kif il-millizzji jinsabu lesti jmorru għal gwerra tal-gwerillieri u s-sekwestru tagħhom ta’ sistemi ta’ armi mill-forzi armati Ukreni. Huwa b’hekk appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.  Wieħed mill-mexxejja tal-“Unjoni ta’ voluntieri ta’ Donbas”.	12.9.2014
105.	Mikhail Sergeyevich SHEREMET (Михаил Сергеевич Шеремет)	Data tat-Twelid 23.5.1971 Post tat-Twelid: Dzhankoy	L-hekk imsejjaħ “L-Ewwel Viċi Prim Ministro” tal-Krimea. Sheremet qedar rwol ewljeni fl-organizzazzjoni u l-implementazzjoni tar-referendum tas-16 ta’ Marzu fil-Krimea dwar l-unifikazzjoni mar-Russja. Fi żmien ir-referendum, intqal li Sheremet ikkmandha lill-“forzi ta’ awtodifiża” favur Moska fil-Krimea. Huwa b’hekk appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	12.9.2014
116.	Svetlana Sergeevna ZHUROVA (Светлана Сергеевна Журова)	Data tat-Twelid 7.1.1972 Post tat-Twelid: Pavlov-on-the-Neva	L-Ewwel Viċi President tal-Kumitat dwar l-Affarijet Barranin, id-Duma tal-Istat. Fl-20 ta’ Marzu 2014 ivvotat favur l-abbozz tal-Liġi Kostituzzjonal Federali “dwar l-aċċettazzjoni fil-Federazzjoni Russa tar-Repubblika tal-Krimea u l-formazzjoni fi ħdan il-Federazzjoni Russa ta’ suġġetti federali ġodda — ir-repubblika tal-Krimea u l-Belt ta’ Status Federali Sevastopol”.	12.9.2014

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
120.	Serhiy KOZYAKOV (magħruf ukoll bħala Sergey Kozyakov) (Сергей Козяков)	Data tat-Twelid: 29.9.1982	<p>Fil-kapaċitā li kellu qabel bħala l-“Kap tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali ta’ Luhansk” kien responsabbi mill-organizzazzjoni tal-hekk imsejħa “elezzjonijiet” tat-2 ta’ Novembru 2014 fl-hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta’ Luhansk”. Dawn “l-elezzjonijiet” huma ksur tal-liġi Ukrena u għaldaqstant illegali. F’Ottubru 2015 inħatar bħala l-“Ministru tal-Ġustizzja” tal-hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta’ Luhansk”.</p> <p>Billi assuma u aġixxa f’din il-kapaċitā, u billi organizza l-“elezzjonijiet” illegali, huwa għaldaqstant b’mod attiv appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranietà u l-indipendenza tal-Ukrajna, u jiddestabilizzaw aktar lill-Ukrajna.</p>	29.11.2014
121.	Oleg Konstantinovich AKIMOV (magħruf ukoll bħala Oleh AKIMOV) (Олег Константинович Акимов)	Data tat-Twelid: 15.9.1981 Post tat-Twelid: Lugansk	<p>Deputat tal-“Unjoni Ekonomika ta’ Lugansk” fil-“Kunsill Nazzjonali” tar-Repubblika tal-Poplu ta’ Lugansk”. Ħareġ bħala kandidat fl-hekk imsejħa “elezzjonijiet” tat-2 ta’ Novembru 2014 għall-kariga ta’ “Kap” tal-hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta’ Donetsk”. Dawn “l-elezzjonijiet” huma ksur tal-liġi Ukrena u għaldaqstant illegali. Sa mill-2014 l'hawn huwa “Kap” tal-hekk imsejħa “Federazzjoni tal-Għaqdiet tal-Ħaddiema” tar-Repubblika tal-Poplu ta’ Lugansk”.</p> <p>Billi assumiet u aġixxiet f’din il-kapaċitā, u billi pparteċipat formalment bħala kandidat fl-“elezzjonijiet” illegali, għaldaqstant hija appoġġat b’mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranietà u l-indipendenza tal-Ukrajna, u jiddestabilizzaw aktar lill-Ukrajna.</p>	29.11.2014
126.	Dmitry Aleksandrovich SEMYONOV, Dmitrii Aleksandrovich SEMENOV (Дмитрий Александрович Семенов)	Data tat-Twelid: 3.2.1963 Post tat-Twelid: Moska	<p>Il-“Viċi Prim Ministru tal-Finanzi” ta’ qabel tal-hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta’ Lugansk”.</p> <p>Billi assuma u aġixxa f’din il-kapaċitā, għaldaqstant huwa appoġġa b’mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranietà u l-indipendenza tal-Ukrajna, u jiddestabilizzaw aktar lill-Ukrajna.</p>	29.11.2014

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
127.	Oleg BUGROV (Олег Бугров)	Data tat-Twelid: 29.8.1969	Il-“Ministru tad-Difiża” ta’ qabel tal-hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta’ Lugansk”.  Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċitā, għaldaqstant huwa appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u jiddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna.	29.11.2014
134.	Alexey Yurevich MILCHAKOV magħruf ukoll bħala Fritz, Serbian (Алексей Юрьевич МИЛЬЧАКОВ)	Data tat-Twelid: 30.4.1991 jew 30.1.1991  Post tat-Twelid: San Pietruburgu	Kmandant tal-unità “Rusich”, grupp separatist armat involut fil-ġlied fil-Lvant tal-Ukrajna.  F'din il-kapaċitā, huwa appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u jiddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna.	16.2.2015
135.	Arseny Sergeevich PAVLOV (magħruf ukoll bħala Motorola)  (Арсé Ний Сергеевич ПАВЛОВ) (magħruf ukoll bħala Motorola)	Data tat-Twelid: 2.2.1983  Post tat-Twelid: Ukhta, Komi	Kmandant tal-“Brigata Sparta”, grupp separatist armat involut fil-ġlied fil-Lvant tal-Ukrajna.  F'din il-kapaċitā, huwa appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u jiddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna.	16.2.2015
137.	Eduard Aleksandrovich BASURIN (Эдуард Александрович Басурин)	Data tat-Twelid: 27.6.1966 jew 21.6.1966  Post tat-Twelid: Donetsk	L-hekk imsejjaħ “Viċi Kmandant” tal-Ministeru tad-Difiża tal-hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta’ Donetsk”.  Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċitā, għaldaqstant huwa appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u jiddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna.	16.2.2015
138.	Alexandr Vasilievich SHUBIN (Александр Васильевич ШУБИН)	Data tat-Twelid: 20.5.1972 jew 30.5.1972  Post tat-Twelid: Luhansk	L-hekk imsejjaħ “Ministru għall-Ġustizzja” ta’ qabel, tal-hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta’ Luhansk” illegali. President tal-“kummissjoni elettorali ċentrali” tal-hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta’ Luhansk” minn Ottubru 2015 l-hawn.  Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċitā, huwa għaldaqstant appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u jiddestabbilizzaw aktar lill-pajjiż.	16.2.2015

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
140.	Sergey Yurevich IGNATOV (Сергей Юрьевич ИГНАТОВ) magħruf ukoll bħala KUŽOVELV		L-hekk imsejjaħ Kap Kmandant tal-Milizzja tal-Poplu tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk." Billi assum u aġixxa f'din il-kapaċitā, huwa għaldaqstant appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabilizza aktar lill-pajjiż.	16.2.2015
141.	Ekaterina FILIPPOVA (Екатерина Владимировна ФИЛИППОВА)	Data tat-Twelid: 20.11.1988  Post tat-Twelid: Krasnoarmeisk	L-hekk imsejħa "Ministru tal-Ġustizzja" ta' qabel tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Billi assumiet u aġixxiet f'din il-kapaċitā, hija għaldaqstant appoġġat b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u jiddes-tabbilizzaw aktar lill-Ukrajna.	16.2.2015
143.	Evgeny Vladimirovich MANUILOV (Евгений Владимирович Мануйлов)	Data tat-Twelid: 5.1.1967	L-hekk imsejjaħ "Ministru tad-Dħul u t-Taxxi" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Lugansk". Billi assum u aġixxa f'din il-kapaċitā, għaldaqstant huwa appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u jiddes-tabbilizzaw aktar lill-Ukrajna.	16.2.2015
145.	Olga BESEDINA (Ольга Игорева БЕСЕДИНА)	Data tat-Twelid: 10.12.1976	L-hekk imsejħa "Ministru tal-Iżvilupp Ekonomiku u l-Kummerċ" ta' qabel tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Billi assumiet u aġixxiet f'din il-kapaċitā, hija għaldaqstant appoġġat b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabilizzat aktar lill-Ukrajna.	16.2.2015
148.	Arkady Viktorovich BAKHIN (Аркадий Викторович Бахин)	Data tat-Twelid: 8.5.1956  Post tat-Twelid: Kaunas, Litwanja	L-Ewwel Viċi Ministru tad-Difiża ta' qabel (sas-17 ta' Novembru 2015) u, f'dik il-kapaċitā, kien involut fl-appoġġ tal-iskjerament ta' truppi Russi fl-Ukrajna. Skont l-istruttura attwali tal-Ministeru għad-Difiża Russu, f'dik il-kapaċitā, huwa jipparteċipa fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika tal-Gvern Russu. Dawn il-politiki jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.2.2015

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
149.	Andrei Valeryevich KARTAPOLOV (Андрей Валерьевич Картаполов)	<p>Data tat-Twelid: 9.11.1963</p> <p>Post tat-Twelid: GDR (DDR)</p>	<p>Kmandant tad-Distrett Militari tal-Punent sa mill-10 ta' Novembru 2015. Id-Direttur ta' qabel tad-Dipartiment tal-Operazzjonijiet Princípali u l-viċi kap tal-Persunal Ġenerali tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa. Involut b'mod attiv fit-tisvir u l-implimentazzjoni tal-kampanja militari tal-forzi Russi fl-Ukrajna.</p> <p>Skont l-aktivitajiet iddkjarati tal-personal ġeneral, fl-eżerċizzju tal-kontroll operazzjonali fuq il-forzi armati, huwa involut b'mod attiv fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika tal-Gvern Russu li thedded l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	16.2.2015

## LISTA TA' ENTITAJIET

	Isem	Raġunijiet	Data tal-eLENKAR
1.	Intrapriża Unitarja Statali tar-Repubblika tal-Krimea “Chernomorneftegaz” (qabel magħrufa bħala PJSC Chernomorneftegaz)	Fis-17 ta’ Marzu 2014 il-“Parlament tal-Krimea” adotta riżoluzzjoni li tiddikjara l-appropriazzjoni tal-assi li tal-intrapriża Chernomorneftegaz fisem ir-Repubblika tal-Krimea”. L-intrapriża hija b’hekk effettivament ikkonfiskata mill-“awtoritajiet” tal-Krimea. Irreġistrata mill-ġdid fid-29 ta’ Novembru 2014 bħala l-Intrapriża Unitarja Statali tar-Repubblika tal-Krimea “Chernomorneftegaz” (ГОСУДАРСТВЕННОЕ УНИТАРНОЕ ПРЕДПРИЯТИЕ РЕСПУБЛИКИ КРЫМ “ЧЕРНОМОРНЕФТЕГАЗ”). Fundatur: Il-Ministeru tal-Fjuwil u l-Enerġija tar-Repubblika tal-Krimea (МИНИСТЕРСТВО ТОПЛИВА И ЭНЕРГЕТИКИ РЕСПУБЛИКИ КРЫМ).	12.5.2014
2.	Kumpanija b’Responsabbiltà Limitata “Port Feodosia” (qabel magħrufa bħala Feodosia)	Fis-17 ta’ Marzu 2014 il-“Parlament tal-Krimea” adotta riżoluzzjoni li tiddikjara l-appropriazzjoni tal-assi tal-intrapriża Feodosia fisem ir-Repubblika tal-Krimea”. L-intrapriża hija b’hekk effettivament ikkonfiskata mill-“awtoritajiet” tal-Krimea. Irreġistrata mill-ġdid bħala l-kumpanija b’responsabbiltà limitata “Port Feodosia” (ОБЩЕСТВО С ОГРАНИЧЕННОЙ ОТВЕТСТВЕННОСТЬЮ “ПОРТ ФЕОДОСИЯ”) fid-9 ta’ Frar 2015. Fundatur: Yuri Garyevich Rovinskiy (Юрий Гарьевич Ровинский).	12.5.2014
10.	L-hekk imsejħa “Milizzja tal-Poplu ta’ Donbass” “Народное ополчение Донбасса”	Grupp separatista illegali armat responsabbi għall-ġlied kontra l-forzi tal-gvern Ukren fl-Ukrajna tal-Lvant, u għaldaqstant jhed-did l-istabbiltà jew is-sigurtà tal-Ukrajna.  Fost l-oħrajn, il-grupp militanti ħa l-kontroll ta’ diversi binjet tal-gvern fl-Ukrajna tal-Lvant kmieni f’April 2014, u għaldaqstant dghajnejf l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.  Il-mexxej tiegħu ta’ qabel, is-Sur Pavel Gubarev, huwa responsabbi għat-teħid tal-bini tal-gvern reġjonali f'Donetsk b’forzi favur ir-Russi u talli ddikjara lilu nnifsu l-“gvernatur tal-poplu”.	25.7.2014

	Isem	Raġunijiet	Data tal-eLENKAR
13.	Intrapriża Unitarja Statali tal-Belt ta' Sevastopol, "Port tal-Baħar ta' Sevastopol" (qabel magħrufa bħala l-intrapriża Statali "Port tal-baħar kummerċjali ta' Sevastopol" Государственное предприятие "Севастопольский морской торговый порт" Gosudarstvenoye predpriyatiye Sevastopolski morskoy torgovy port)	Is-sjieda tal-entità ġiet trasferita kontra l-liġi Ukrena. Fis-17 ta' Marzu 2014 il-"Parlament tal-Krimea" adotta r-riżoluzzjoni Nru 1757-6/14 "Dwar in-nazzjonallizzazzjoni ta' xi kumpaniji li jappartjenu lill-ministeri Ukreni tal-infrastruttura jew l-agrikoltura" li tiddikjara l-appropriazzjoni tal-assi li jappartjenu lill-intrapriża statali "Port tal-baħar kummerċjali ta' Sevastopol" fisem ir-“Repubblika tal-Krimea”. L-intrapriża hija b'hekk effettivament ikkonfiskata mill-“awtoritajiet” tal-Krimea. Ftermini ta' volum ta' kummerċ, huwa l-akbar port tal-baħar kummerċjali fil-Krimea. Irregjistrata mill-ġdid fis-6 ta' Ġunju 2014 bħala Impriża Unitarja Statali tal-Belt ta' Sevastopol, "Port tal-baħar ta' Sevastopol" (ГОСУДАРСТВЕННОЕ УНИТАРНОЕ ПРЕДПРИЯТИЕ ГОРОДА СЕВАСТОПОЛЯ “СЕВАСТОПОЛЬСКИЙ МОРСКОЙ ПОРТ”). Fundatur: Il-Gvern ta' Sevastopol (Правительство Севастополя).	25.7.2014
14.	Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata "Port tal-baħar ta' Kerch"/"Kamys-Burun" (qabel magħrufa bħala l-intrapriża Statali "Port tal-baħar kummerċjali ta' Kerch" Государственное предприятие "Керченский морской торговый порт" Gosudarstvenoye predpriyatiye Kerchenski morskoy torgovy port)	Is-sjieda tal-entità ġiet trasferita kontra l-liġi Ukrena. Il-“Parlament tal-Krimea” adotta riżoluzzjoni Nru 1757-6/14 fis-17 ta' Marzu 2014 "Dwar in-nazzjonallizzazzjoni ta' xi kumpaniji li jappartjenu lill-ministeri Ukreni tal-infrastruttura jew l-agrikoltura" u riżoluzzjoni Nru 1865-6/14 fis-26 ta' Marzu 2014 "Dwar l-Intrapriża ta' Sjeda tal-Istat Portiġiet tal-Baħar tal-Krimea" (О Государственном предприятии “Крымские морские порты”) li tiddikjara l-appropriazzjoni ta' assi tal-intrapriża statali "Port tal-Baħar Kummerċjali ta' Kerch" fisem ir-“Repubblika tal-Krimea”. L-intrapriża hija b'hekk effettivament ikkonfiskata mill-“awtoritajiet” tal-Krimea. Ftermini ta' volum ta' kummerċ, huwa t-tieni l-akbar port tal-baħar kummerċjali fil-Krimea. Irregjistrata mill-ġdid fid-9 ta' Diċembru 2014 bħala l-Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata "Port tal-Baħar ta' Kerch" "Kamys-Burun" (ОБЩЕСТВО С ОГРАНИЧЕННОЙ ОТВЕТСТВЕННОСТЬЮ “КЕРЧЕНСКИЙ МОРСКОЙ ПОРТ ‘КАМЫШ-БУРУН’”). Fundaturi: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata "Vostok-Capital", irregjistrata f'Donetsk, l-Ukrajna (ОБЩЕСТВО С ОГРАНИЧЕННОЙ ОТВЕТСТВЕННОСТЬЮ “ВОСТОК КЭПИТАЛ”); Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata "Vostok", irregjistrata f'Donetsk, l-Ukrajna (ОБЩЕСТВО С ОГРАНИЧЕННОЙ ОТВЕТСТВЕННОСТЬЮ “ВОСТОК”); Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata "Altcom Invest-Stroi", irregjistrata f'Donetsk, l-Ukrajna (ОБЩЕСТВО С ОГРАНИЧЕННОЙ ОТВЕТСТВЕННОСТЬЮ “АЛЬТКОМ ИНВЕСТ-СТРОЙ”) и l-Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata "Altcom-Beton", irregjistrata f'Borispol, l-Ukrajna (ОБЩЕСТВО С ОГРАНИЧЕННОЙ ОТВЕТСТВЕННОСТЬЮ “АЛЬТКОМ-БЕТОН”).	25.7.2014
15.	Intrapriża Unitarja Statali tar-Repubblika tal-Krimea "Universal-Avia" (qabel magħrufa bħala l-intrapriża Statali Universal -Avia Государственное предприятие "Универсал-Авиа" Gosudarstvenoye predpriyatiye "Universal-Avia")	Is-sjieda tal-entità ġiet trasferita kontra l-liġi Ukrena. Fl-24 ta' Marzu 2014 il-“Presidju tal-Parlament tal-Krimea” adotta deċiżjoni “Dwar l-Intrapriża ta' Sjeda tal-Istat 'Gosudarstvenoye predpriyatiye Universal-Avia' (О Государственном предприятии “Универсал-Авиа”)” Nru 1794-6/14 li tiddikjara l-appropriazzjoni tal-assi tal-intrapriża statali "Universal-Avia" fisem ir-“Repubblika tal-Krimea”. L-intrapriża hija b'hekk effettivament ikkonfiskata mill-“awtoritajiet” tal-Krimea. Irregjistrata mill-ġdid fil-15 ta' Jannar 2015 bħala l-Intrapriża Unitarja Statali tar-Repubblika tal-Krimea "Universal-Avia" (ГОСУДАРСТВЕННОЕ УНИТАРНОЕ ПРЕДПРИЯТИЕ РЕСПУБЛИКИ КРЫМ “УНИВЕРСАЛ-АВИА”). Fundatur: Il-Ministeru tat-Trasport tar-Repubblika tal-Krimea (МИНИСТЕРСТВО ТРАНСПОРТА РЕСПУБЛИКИ КРЫМ).	25.7.2014

	Isem	Raġunijiet	Data tal-elenkar
16.	Intrapriża Baġitarja tal-Istat Federali “Sanatorium Nizhnyaya Oreanda” tal-Amministrazzjoni tal-President tal-Federazzjoni Russa (qabel magħrufa bħala ċ-Ċentru “Nizhnyaya Oreanda” Санаторий “Нижняя Ореанда”)	Is-sjeda tal-entità ġiet trasferita kontra l-liġi Ukrena. Fil-21 ta' Marzu 2014 l-“Presidju tal-Parlament tal-Krimea” adotta deċiżjoni “Dwar il-kwistjonijiet tal-ħolqien ta’ Assoċjazzjoni ta’ sanatorji u ċentri” Nru 1767-6/14 li tiddikjara l-approrjazzjoni tal-assi li jappartjenu liċ-ċentru “Nizhnyaya Oreanda” fisem ir-“Repubblika tal-Krimea”. L-intrapriża hija b'hekk effettivam ikkonfiskata mill-“awtoritajiet” tal-Krimea. Irregjistrata mill-ġdid fid-9 ta' Ottubru 2014 bħala Intrapriża Baġitarja tal-Istat Federali “Sanatorium Nizhnyaya Oreanda” tal-Amministrazzjoni tal-President tal-Federazzjoni Russa (ФЕДЕРАЛЬНОЕ ГОСУДАРСТВЕННОЕ БЮДЖЕТНОЕ УЧРЕЖДЕНИЕ “САНАТОРИЙ “НИЖНЯЯ ОРЕАНДА” УПРАВЛЕНИЯ ДЕЛАМИ ПРЕЗИДЕНТА РОССИЙСКОЙ ФЕДЕРАЦИИ”). Fundatur: L-Amministrazzjoni tal-President tal-Federazzjoni Russa (УПРАВЛЕНИЯ ДЕЛАМИ ПРЕЗИДЕНТА РОССИЙСКОЙ ФЕДЕРАЦИИ).	25.7.2014
18.	Intrapriża Baġitarja tal-Istat Federali “Unjoni Agrarja tal-Produzzjoni ‘Massandra’” tal-Amministrazzjoni tal-President tal-Federazzjoni Russa (qabel magħrufa bħala l-entità Statali l-“Assoċjazzjoni Nazzjonali ta’ prodduturi ‘Massandra’” Национальное производственно-аграрное объединение “Массандра” Nacionalnoye proizvodstvenno agrarnoye obyedinenye “Massandra”)	Is-sjeda tal-entità ġiet trasferita kontra l-liġi Ukrena. Fid-9 ta' April 2014 il-“Presidju tal-Parlament tal-Krimea” adotta deċiżjoni Nru 1991-6/14 “Dwar l-emendi għar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Istat tar-Repubblika tal-Krimea” tas-26 ta' Marzu 2014 Nru 1836-6/14 “Dwar in-nazzjonallizzazzjoni tal-proprietà tal-intrapriżi, l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet tal-kumpless agro-industrijali, li jinsab fit-territorju tar-Repubblika tal-Krimea” li tiddikjara l-appropriazzjoni tal-assi li jappartjenu lill-entità statali “Assoċjazzjoni Nazzjonali ta’ prodduturi ‘Massandra’” fisem ir-“Repubblika tal-Krimea”. L-intrapriża hija b'hekk effettivam ikkonfiskata mill-“awtoritajiet” tal-Krimea. Irregjistrata mill-ġdid fl-1 ta' Awwissu 2014 bħala l-Intrapriża Baġitarja tal-Istat Federali “Unjoni Agrarja tal-Produzzjoni ‘Massandra’” tal-Amministrazzjoni tal-President tal-Federazzjoni Russa (ФЕДЕРАЛЬНОЕ ГОСУДАРСТВЕННОЕ УНИТАРНОЕ ПРЕДПРИЯТИЕ “ПРОИЗВОДСТВЕННО-АГРАРНОЕ ОБЪЕДИНЕНИЕ ‘МАССАНДРА’ УПРАВЛЕНИЯ ДЕЛАМИ ПРЕЗИДЕНТА РОССИЙСКОЙ ФЕДЕРАЦИИ”). Fundatur: L-Amministrazzjoni tal-President tal-Federazzjoni Russa (УПРАВЛЕНИЯ ДЕЛАМИ ПРЕЗИДЕНТА РОССИЙСКОЙ ФЕДЕРАЦИИ).	25.7.2014
19.	Intrapriża Unitarja Statali tar-Repubblika tal-Krimea l-“Istitut Nazzjonali tal-Inbid ‘Magarach’” (qabel magħrufa bħala l-“intrapriża Statali Magarach tal-istitut nazzjonali tal-inbid” Государственное предприятие Агрофирма “Магарач” Nacional'nogo instituta vinograda i vina “Magarach” Gosudarstvenoye predpriyatiye “Agrofirma Magarach” nacionalnogo instituta vinograda i vina “Magarach”)	Is-sjeda tal-entità ġiet trasferita kontra l-liġi Ukrena. Fid-9 ta' April 2014 il-“Presidju tal-Parlament tal-Krimea” adotta deċiżjoni Nru 1991-6/14 “Dwar l-emendi għar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Istat tar-Repubblika tal-Krimea” tas-26 ta' Marzu 2014 Nru 1836-6/14 “Dwar in-nazzjonallizzazzjoni tal-proprietà tal-intrapriżi, l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet tal-kumpless agro-industrijali, li jinsab fit-territorju tar-Repubblika tal-Krimea” li tiddikjara l-appropriazzjoni tal-assi li jappartjenu lill-entità statali “Gosudarstvenoye predpriyatiye ‘Agrofirma Magarach’ nacionalnogo instituta vinograda i vina ‘Magarach’” fisem ir-“Repubblika tal-Krimea”. L-intrapriża hija b'hekk effettivam ikkonfiskata mill-“awtoritajiet” tal-Krimea. Irregjistrata mill-ġdid fil-15 ta' Jannar 2015 bħala l-Intrapriża Unitarja Statali tar-Repubblika tal-Krimea l-“Istitut Nazzjonali tal-Inbid ‘Magarach’” (ГОСУДАРСТВЕННОЕ БЮДЖЕТНОЕ УЧРЕЖДЕНИЕ РЕСПУБЛИКИ КРЫМ “НАЦИОНАЛЬНЫЙ НАУЧНО-ИССЛЕДОВАТЕЛЬСКИЙ ИНСТИТУТ ВИНОГРАДА И ВИНА ‘МАГАРАЧ’”). Fundatur: Il-Ministru tal-Biedja tar-Repubblika tal-Krimea (МИНИСТЕРСТВО СЕЛЬСКОГО ХОЗЯЙСТВА РЕСПУБЛИКИ КРЫМ).	25.7.2014

	Isem	Raġunijiet	Data tal-elenkar
20.	Intrapriża Unitarja Statali tar-Repubblika tal-Krimea l-“Fabbrika tal-inbid effervexxenti ‘Novy Svet’” (qabel magħrufa bħala l-intrapriża Statali l-“Fabbrika tal-inbid effervexxenti Novy Svet” Государственное предприятие Завод шампанских вин “Новый свет” Gosudarstvenoye predpriyatiye “Zavod shampanskikh vin Novy Svet”)	Is-sjieda tal-entità ġiet trasferita kontra l-liġi Ukrena. Fid-9 ta’ April 2014 il-“Presidju tal-Parlament tal-Krimea” adotta deċiżjoni Nru 1991-6/14 “Dwar l-emendi għar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Istat tar-Repubblika tal-Krimea” tas-26 ta’ Marzu 2014 Nru 1836-6/14 “Dwar in-nazzjonallizzazzjoni tal-proprjetà tal-intrapriżi, l-istituzzjoni jiet u l-organizzazzjoni jiet tal-kumpless agro-industrijali, li jinsab fit-territorju tar-Repubblika tal-Krimea” li tiddikjara l-appoprjazzjoni tal-assi li jappartjenu lill-entità statali ‘Zavod shampanskikh vin Novy Svet’ fisem ir-Repubblika tal-Krimea”. L-intrapriża hija b’hekk effettivam ikkonfiskata mill-“awtoritajiet” tal-Krimea. Irreġistrata mill-ġdid fl-4 ta’ Jannar 2015 bħala l-Intrapriża Unitarja Statali tar-Repubblika tal-Krimea l-“Fabbrika tal-inbid effervexxenti ‘Novy Svet’” (ГОСУДАРСТВЕННОЕ УНИТАРНОЕ ПРЕДПРИЯТИЕ РЕСПУБЛИКИ КРЫМ “ЗАВОД ШАМПАНСКИХ ВИН НОВЫЙ СВЕТ”). Fundatur: Il-Ministeru tal-Biedja tar-Repubblika tal-Krimea (МИНИСТЕРСТВО СЕЛЬСКОГО ХОЗЯЙСТВА РЕСПУБЛИКИ КРЫМ).	25.7.2014
23.	RUSSIAN NATIONAL COMMERCIAL BANK РОССИЙСКИЙ НАЦИОНАЛЬНЫЙ КОММЕРЧЕСКИЙ БАНК	Wara l-annessjoni illegali tal-Krimea, ir-Russian National Commercial Bank (RNCB) sar proprietà totali tal-hekk imsejħa “Repubblika tal-Krimea”. Sar attur dominanti fis-suq, meta qabel l-annessjoni ma kelleu l-ebda preżenza fil-Krimea. Billi xtara jew ħa pussess ta’ fergħat ta’ banek li rtiraw l-operazzjoni jiet tagħ-hom fil-Krimea, l-RNCB appoġġa materjalment u finanzjarjament l-azzjonijiet tal-gvern Russu biex jintegra l-Krimea fil-Federazzjoni Russa, u b’hekk dgħajjef l-integrità territorjali tal-Ukrajna.	30.7.2014